# Dun Filippo Calleja (+1813)

*minn Joseph Schembri*

Sa qabel is-sena 1802, l-eżerċizzi spiritwali rari kienu jsiru fil-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. Darba fit-tant l-Isqof kien jordna xi priedki li dak iż-żmien kienu jsibuhom bħala Missjoni. Fis-sena 1809 l-aħwa Giovanni Battista u Felice Abela ħallew somma biex isiru l-eżerċizzi spiritwali għall-irġiel kull sentejn (ara l-atti tan-nutar Pietro Paolo Buttigieg tal-31 t'Awissu 1809). 25 sena wara żdiedu dawk tan-nisa meta fl-1834, Vincenzo Barbara ħalla l-ewwel 1,000 skud, imbagħad 300 oħra (atti tan-nutar Giuseppe Metropoli tas-17 ta' Diċembru 1834 imbagħad dawk tas-26 ta' Settembru 1848).

Kien jeħtieġ isir xi rimedju biex il-kelma t'Alla aktar tiġi mwassla lill-poplu faċilment u b'aktar frott spiritwali, għaldaqstant Alla l-Imbierek inqeda b'saċerdot skond il-Qalb tiegħu biex titwaqqaf għaqda għal dan il-għan. Achillo Ferris jgħidilna li din il-għaqda ġiet imwaqqfa minn Dun Filippo Calleja li kellu jassistu miegħu għadd ta' saċerdoti Maltin li isimhom għandu jibqa' mfakkar għall-ġid kbir spiritwali li twettaq minnhom, (ara Storia Ecclesiastica minn A. Ferris). Din il-għaqda ġiet imsejħa l-"Missjoni l-Kbira".

Il-Fundatur tal-Missjoni l-Kbira, Dun Filippo Calleja, skond xi awturi Malti twieled Ħal Balzan, waqt li oħrajn fosthom l-istoriku Żebbuġi Dun Salv Ciappara isostnu li twieled Ħaż-Żebbuġ. Twieled fejn twieled jibqa' l-fatt li trabba, għex u miet fir-raħal tagħna u li ismu għandu jibqa' mniżżel b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' Ħaż-Żebbuġ. Dun Filippo Calleja kellu fost is-saċerdoti li kienu jgħinuh fil-Missjoni, lil Żebbuġi ieħor, Dun Bartolomeo Attard, li minnu ra għajnuna kbira, tant li bħalu ħalla ħajtu vittma tad-dover lejn ħutu l-Maltin. Dawn iż-żewġ saċerdoti msemmija bdew din l-opra fl-1811, għalkemm din ġiet magħrufa kanonikament fl-1818.

Fl-1813 skuppjat il-pesta. Minn April sa Ottubru, f'Ħaż-Żebbuġ biss din l-epidemija qerdet fuq is-700 ruħ fosthom Dun Filippo Calleja u sieħbu Dun Bartolomeo Attard kif ukoll 15-il saċerdot ieħor kollha Żebbuġin. Jingħad li t-testment tiegħu, dak li ħalla kollox lill-Missjoni l-Kbira, instab miktub fuq it-twavel tas-sodda li fuqha miet. Dun Filippo Calleja, Martri tal-Karità Nisranija, ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' l-impestati ta' San Andrea, fejn hemm sarlu monument ta' tifkira. Wara li spiċċat il-pesta ġo Ħaż-Żebbuġ l-abitanti ta' Ħal Dwin, bħala wegħda lil Alla l-Imbierek għamlu statwa tal-Madonna tar-Rużarju f'nofs il-pjazza li hemm. Il-għaref Żebbuġi oriundo il-Kanonku Filippo Amato iżid igħid li l-pesta bdiet għal kollox nhar il-Festa tal-Madonna tar-Rużarju u minn dakinhar 'il quddiem ma kienx hemm każ wieħed biss ta' mard dik il-kwalità.

Fl-1956, il-fdal ta' Dun Filippo Calleja flimkien mal-monument li kien hemm fuq il-qabar tiegħu fiċ-ċimiterju ta' San Andrea ġew ittrasferiti għaċ-ċimiterju Qalb ta' Ġesù ta' Ħaż-Żebbuġ bl-inizjattiva ta' l-Arċipriet, illum Monsinjur Lorenzo Zammit kif ukoll ta' Dun Anton Galea. F'Ottubru tas-sena 1989, kellna x-xorti li nerġgħu naraw fostna għal darba oħra, il-Missjoni l-Kbira li min jaf kemm ġid spiritwali ħalliet fost il-poplu Żebbuġi.